# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. NOEL V. ARRIGO LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 14 ta' Dicembru 2001**

**Numru  10**

**Citaz.  numru:  2037/00 M1 NA**

**Josianne Farrugia mart Ayman Khalaf**

**vs**

**Ayman Khalaf**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-attrici fis-27 ta' Settembru 2000 fejn ippremettiet:

"Illi l-partijiet ghamlu c-cerimonja taz-zwieg bejniethom skond kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg esebit mac-citazzjoni bhala Dokument "A", li jgib in-numru 134/95;

Illi b'din ic-cerimonja effettivament ma nholoqx kuntratt validu ta' zwieg u dan peress li l-istess kuntratt kien vizjat, kif previst mill-Artikolu 19 (1) tal-Kap. 255, minhabba precipwament (a) li l-kunsens ta' l-attrici nkisbet b'qerq dwar kwalita' tal-parti l-ohra li tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga;  u (b) li l-kunsens tal-konvenut kien simulat u dana peress illi l-istess inkiseb bl-eskluzjoni posittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg;

TALBET li din il-Qorti:

1. tiddikjara li z-zwieg li suppost gie celebrat bejn il-kontendenti, kif indikat fl-att taz-zwieg numru 134 tal-1995 hu null u bla effett, u dan kif previst fl-Artikolu 19 tal-Kap. 255, minhabba precipwament (a) li l-kunsens ta' l-attrici nkisbet b'qerq dwar kwalita' tal-parti l-ohra li tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga;  u (b) li l-kunsens tal-konvenut kien simulat u cioe' inkiseb bl-eskluzjoni posittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg;

Bl-ispejjez ghall-kontro-parti konvenuta, li qed tigi ngunta ghas-subizzjoni."

Rat id-dikjarazzjoni guramentata taghha, il-lista tax-xhieda w id-dokument minnha esebit.

Fis-seduta tal-14 ta' Gunju 2001 dehru l-partijiet. Il-konvenut iddikjara li ma kellux eccezzjonijiet x'jaghmel filwaqt illi l-attrici giet awtorizzata tipprezenta x-xhieda taghha permezz ta' affidavits.

B'nota tas-7 ta' Settembru 2001 infatti hija pprezentat ix-xhieda taghha u dik ta' ommha Antonia Farrugia permezz ta' affidavits. Minn din ix-xhieda jirrizulta illi l-partijiet damu biss xi hames xhur johorgu flimkien qabel ma zzewgu fuq insistenza tal-konvenut. Wara xahrejn biss mizzewga fejn kellhom x'jaqsmu ma' xulxin darba biss huwa telaq lill-attrici li ma ratux aktar.

Fis-seduta tal-20 ta' Settembru 2001 regghu dehru l-partijiet li qablu li l-kawza setghet tibqa' differita ghas-sentenza.

Ikkunsidrat:-

Illi minkejja illi l-provi mressqa ma humiex voluminuzi, huma sufficjenti biex iwasslu lill-Qorti ghal konkluzzjoni wahda u cara u cioe' illi dan kien zwieg iehor ta' konvenjenza fejn il-konvenut izzewweg lill-attrici biss biex ikun jista' jakkwista c-cittadinanza Maltija.  Fil-fehma tal-Qorti l-kunsens tieghu kien ivvizzjat b'simulazzjoni totali peress illi minkejja li esternament ta l-istess kunsens tieghu internament qatt ma kellu l-intenzjoni li jifforma r-rabta ta' zwieg ma' l-attrici kif huwa mifhum iz-zwieg fis-socjeta' taghna.  Fil-kunsens intern tieghu nfatti huwa aktar minn probabbli illi huwa eskluda b'mod posittiv iz-zwieg innifsu peress illi l-intenzjoni tieghu ma kenitx principalment iz-zwieg izda r-ragunijiet ta' konvenjenza fuq moghtija.

Wara ghalhekk li ezaminat l-Artikolu 19 (1) (f) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti fuq din il-bazi (ghax fil-fehma taghha l-allegazzjonijiet l-ohra ta' l-attrici ma gietx sufficjentement ippruvata) sejra tilqa' t-talba attrici billi tiddikjara li z-zwieg li suppost gie celebrat bejn il-kontendenti kif indikat fl-Att ta' Zwieg Numru 134/1995 huwa null u bla effett u dana kif previst fl-Artikolu 19 tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta minhabba li l-kunsens tal-konvenut kien simulat u cioe' inkiseb bl-eskluzjoni posittiva taz-zwieg innifsu.

L-ispejjez kollha tal-kawza ghandhom jithallsu mill-istess konvenut.

**ONOR. IMHALLEF NOEL V. ARRIGO LL.D.**

Deputat Registratur

rf.